MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 149/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael J. Scicluna**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael J. Scicluna talli naqas li jhallas in-*notice*, *vacation leave*, *sick leave* u *bonus* fl-ammont ta’ Lm332.46c dovuti lill-ex impjegat tieghu Hdidan Tamar;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta’ Marzu 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Michael J. Scicluna hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, ikkundannatu multa ta’ Lm100 kif ukoll ikkundannatu jhallas lil Hdidan Tamar is-somma ta’ Lm332.46 “sa zmien sitt xhur millum”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Michael J. Scicluna, minnu pprezentat fid-9 ta’ April 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fid-diversi udjenzi; semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-14 ta’ Settembru 2007; ikkunsidrat:

Bazikament l-aggravju ta’ l-appellant fil-meritu huwa li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti, peress li kien Tamar li abbanduna l-impieg tieghu bla ma ta *notice* lill-appellant. Inoltre jikkontendi l-appellant li hu kien effettivament hallas kollox lill-impjegat tieghu, fis-sens li xejn ma kien ghadu dovut lill-imsemmi Tamar.

Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm quddiem l-ewwel qorti jirrizulta li xehed Hdidan Tamar, fil-proceduri tal-appell dana ma xehedx. Ghalkemm ir-riferta tal-pulizija tad-19 ta’ Gunju 2007 kienet wahda pozittiva – fis-sens li t-tahrika giet imhollija f’idejn il-mara tax-xhud – dan baqa’ ma deherx ghall-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2007. Il-Qorti harget mandat ta’ arrest kontra l-imsemmi xhud, izda meta l-Marixxalli taghha marru biex jezegwixxu dan il-mandat fit-2 ta’ Awissu 2007, huma gew infurmati minn girien tax-xhud li dan kien telaq minn Malta (ara r-riferta tat-2/8/2007). Ghalhekk fl-udjenza tat-3 ta’ Awissu 2007, wara li ddeponiet ir-rappresentant tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, Connie Attard, il-Qorti regghet iddifferiet l-appell ghall-14 ta’ Settembru 2007 bit-tama li jkun jista’ jigi mharrek u jiddeponi l-istess Tamar. Fl-udjenza tal-14 ta’ Settembru 2007 giet presentata riferta tal-pulizija li turi li ghalkemm dawn marru aktar minn darba fl-indirizz fejn hu maghruf li l-ahhar li kien jghix dan ix-xhud, baqghu ma sabu lil hadd; u l-pulizija jidher li kellhom l-istess informazzjoni bhalma kellhom il-Marixxalli tal-Qorti u cioe` li Tamar “may [have] moved out of the country”. Issa, fin-nuqqas tad-deposizzjoni ta’ dan ix-xhud, din il-Qorti m’ghandhiex alternattiva hlief li taccetta d-deposizzjoni ta’ l-appellant, deposizzjoni li din il-Qorti ma ssib xejn inveritjer fiha. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, mhux biss l-impjegat in

kwistjoni kien effettivament abbanduna l-impieg tieghu, izda ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li ghad baqalu jiehu xi haga.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------